

Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

9741/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0128(NLE)

PECHE 150
UK 120
N 40

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026
għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u,
għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202¹ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti miżuri funzjonalment marbuta magħhom, jenħtieġ li jiġu emendati biex tiġi kkunsidrata l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal zero t-TAC għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 u fis-subżona 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fil-parti tal-Punent tad-diviżjoni 9a tal-ICES għal dak il-perjodu. Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli sakemm tiġi stabbilita it-TAC definittiva għal dak l-istokk, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC proviżorja għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2025, f'livell ibbażat fuq il-ħatt l-art tal-Istati Membri ta' dak l-istokk fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024, b'kont meħud tal-istaġjonalità tas-sajd.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj>).

- (3) Fit-23 ta' Ġunju 2025, l-Unjoni u n-Norveġja kkonkludew il-konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026; (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES; u (iii) miżuri tekniċi addizzjonali għal dak l-istokk. L-eżitu ta' daww il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul iffirmat fit-23 ta' Ġunju 2025. Għalhekk jenħtieġ li t-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES tiġi stabbilita fil-livell maqbul man-Norveġja, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-miżuri tekniċi addizzjonali miftiehma man-Norveġja. Jenħtieġ li l-miżuri tekniċi addizzjonali marbuta funzjonalment japplikaw biss sakemm l-att delegat rilevanti jsir applikabbli. Barra minn hekk, matul daww il-konsultazzjonijiet, l-Unjoni u n-Norveġja qiesu skambji tal-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 62°N min-Norveġja lejn l-Unjoni. Billi ma kienx possibbli li l-Unjoni u n-Norveġja jaqblu dwar trasferimenti addizzjonali tal-gamblu tat-Tramuntana fil-Baħar tat-Tramuntana, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd mhux allokat i għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES jiġu allokat i lill-Istati Membri. Għalhekk jenħtieġ li l-kwoti tal-Istati Membri għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES jiġu emendati skont dan.

- (4) Fil-21 ta' Mejju 2025, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fis-subżona 4 u d-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026; u (ii) il-livelli tat-TACs għal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u tad-diviżjoni 2a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perjodu. L-Unjoni pparteċipat f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fit-12 ta' Mejju 2025. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul iffirmat fil-21 ta' Mejju 2025. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-TACs rilevanti jiġu stabbiliti fil-livelli miftiehma mar-Renju Unit u n-Norveġja.

- (5) Fit-12 ta' Mejju 2025, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra², rigward il-livell tat-TAC għall-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. L-Unjoni pparteċipat f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fit-8 ta' Mejju 2025. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub iffirmit fit-22 ta' Mejju 2025. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għall-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 tiġi stabbilita fil-livell maqbul mar-Renju Unit.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju t-TAC għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2025 fil-livell ta' 280 tunnellata, sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku rivedut għal dak l-istokk għall-2025. Għalhekk, wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir rivedut tal-ICES għall-2025, li jissostitwixxi l-parir tad-9 ta' Ġunju 2023 għal dak l-istokk għall-2024 u l-2025, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC definittiva għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES għall-2025 abbażi ta' dak il-parir rivedut.

² Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689(1)/oj)).

- (7) Fit-18 ta' Ġunju 2025, il-Kanada adottat limitu ta' qbid għall-bastimenti tagħha li jistadu għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fid-diviżjonijiet 2J, 3K u 3L tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. Sussegwentement, fit-23 ta' Ġunju 2025, in-NAFO adottat TAC għal dak l-istokk u għal dak il-perjodu, u allokazżjoni lil Partijiet Kontraenti oħra għan-NAFO li tikkorrispondi għal 5 % tat-TAC, inkluż kwota tal-Unjoni, li għandha tiġi mistada fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO. Barra minn hekk, in-NAFO żammet il-miżuri ta' rkupru għal dak l-istokk għal dak il-perjodu. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (8) Fl-1 ta' April 2025, u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) dwar it-trasferimenti, l-Iżlanda qablet li tittrasferixxi lill-Unjoni 200 tunnellata tal-kwota tagħha għat-tonn (*Thunnus thynnus*) f'parti miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran, għall-2025. Jenħtieġ li dak it-trasferiment jiġi implimentat fid-dritt tal-Unjoni u li l-kwota tal-Unjoni għal dak l-istokk jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC, North Pacific Fisheries Commission) stabbiliet limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, rispettivament, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026. Barra minn hekk, għal dak l-istess perjodu l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-Unjoni. Stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrhom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-oportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Dawk l-oportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

- (10) Sabiex tirriproduċi, is-sallura (*Anguilla anguilla*) li hija sesswalment matura ("sallura fiddiena") trid temigra mill-ilmijiet interni, salmastri jew tal-baħar tal-Unjoni lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħha fil-Baħar Sargasso ("migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara"). L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2025/202 jipproteġi din is-sallura billi jobbliga lill-Istati Membri kkonċernati jiddeterminaw staġun magħluq wieħed jew aktar ta' mill-inqas 6 xhur għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali tas-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES (Atlantiku tal-Grigal), soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Sabiex jinżamm l-oġġettiv ta' konservazzjoni tal-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2025/202, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jassistu lis-sallura fiddiena li tkun qed temigra fid-direzzjoni tax-xmara tagħhom qabel ma tgħaddi minn ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni, fejn tirriskja li tinqabad u tinħatt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jkollhom il-possibbiltà li jippermettu s-sajd għas-sallura fiddiena b'tul totali ta' 12 cm jew aktar fl-ilmijiet tal-Unjoni 'l fuq mill-ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni, dment li dan isir għall-iskop esklużiv li din is-sallura tiġi ttrasportata u rilaxxata minnufih, mingħajr ma ssirilha ħsara, f'post deżinjat fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni fid-direzzjoni tax-xmara li jinsabu fil-qrib. Jenħtieġ li s-sallura li tinqabad inċidentalment li ma tkunx sesswalment matura tiġi rilaxxata minnufih lura fl-ilma mingħajr ma ssirilha ħsara.
- (11) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2025/202 jiġi emendat skont dan.

- (12) Minħabba li d-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw fuq bażi kontinwa, u sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali fil-perjodu bejn it-tmiem tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw minn tmiem id-dispożizzjonijiet applikabbli qabel. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati qed jiżdiedu u, fir-rigward tas-sallura, qed tiġi stabbilita deroga addizzjonali għall-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a).
- (13) Ir-Regolament (UE) 2025/202 japplika mill-1 ta' Jannar 2025. Sabiex jinżamm il-perjodu ta' rapportar għat-TAC għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES, jenħtieġ li t-TACs emendati japplikaw ukoll mill-1 ta' Jannar 2025. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-kwoti qed jiżdiedu.
- (14) Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2025/202

Ir-Regolament (UE) 2025/202 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. B'deroga ulterjuri mill-paragrafu 3, il-punt (d), l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti s-sajd għas-sallura ta' b'tul kumplessiv ta' 12 cm jew aktar waqt il-migrazzjoni tagħha mill-ilmijiet tal-Unjoni lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħha fil-Baħar Sargasso ("migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara") għal total ta' 50 jum konsekuttivi jew mhux konsekuttivi. Dak għandu japplika għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti, matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni, bil-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

- (a) attività tas-sajd bħal din għandha tkun permessa biss meta l-uniku aċċess għall-ilmijiet tal-baħar neċessarjament jgħaddi minn ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni;
- (b) il-qabdiet li jsiru fis-suddiviżjonijiet tal-ICES 22-32 għandhom jissodisfaw id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 35 cm, f'konformità mal-Anness VIII, il-Parti A, tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

- (c) kwalunkwe sallura li tkun sesswalment matura u li tinqabad ma għandhiex issirilha ħsara, għandha tiġi ttrasportata mingħajr dewmien żejjed u għandha tiġi rilaxxata minnufih fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni fil-qrib f'post deżinjat mill-Istat Membru kkonċernat, li jippermettilha tkompli l-migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara;
- (d) kwalunkwe sallura li tinqabad b'mod inċidentali li ma tkunx sesswalment matura ma għandhiex issirilha ħsara u għandha tiġi rilaxxata minnufih lura fl-ilma; u
- (e) l-attività tas-sajd għandha ssir bl-involviment ta' korp xjentifiku nazzjonali.

* Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri kkonċernati, b'mod individwali jew konġunt, għandhom jinformaw lill-Kummissjoni:

- (a) sal-1 ta' Mejju 2025, l-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6, flimkien mal-informazzjoni ta' sostenn li tiġġustifika l-perjodu jew il-perjodi magħżul(a);
- (b) fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom, b'miżuri nazzjonali relatati mal-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) li ġie/ġew (i) ddeterminat(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6;
- (c) fi żmien 8 ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu jew il-perjodi magħluq(a) stabbilit(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6, tal-attivitajiet tas-sajd li jsiru f'konformità mal-paragrafu 4a: (i) il-post jew il-postijiet u d-data jew id-dati tal-attivitajiet tas-sajd; (ii) l-għadd mistenni u t-tip ta' operaturi u l-korp xjentifiku nazzjonali involut; u (iii) il-post jew il-postijiet magħżul(a) għar-rilaxx;
- (d) f'massimu ta' 8 ġimgħat mit-tmien tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa f'konformità mal-paragrafu 4a: (i) l-għadd u t-tip ta' operaturi; (ii) l-għadd ta' salluri sesswalment maturi maqbuda matul dawk l-attivitajiet tas-sajd; (iii) l-għadd ta' salluri mhux sesswalment maturi maqbuda matul dawk l-attivitajiet tas-sajd; u (iv) l-għadd ta' salluri sesswalment maturi li ġew tikkettati.”;

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 18a

Miżuri tekniċi għall-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak

1. Jekk il-proporzjon ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*), kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201*, ikun aktar minn 30 % tal-qabda ġenerali ta' dik l-ispeċi, l-awtoritajiet ta' kontroll jistgħu jirrakkomandaw għeluq f'ħin reali abbażi ta' kampjun wieħed, kif imsemmi f'dak l-Artikolu.
2. Il-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-gamblu tat-Tramuntana bi gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs, kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandhom ikunu soġġetti għaż-żona magħluqa, kif imsemmi f'dak l-Artikolu.
3. Iż-żona magħluqa, kif imsemmi fl-Artikolu 7(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, ma għandhiex taqbeż 100 mil nawtiku kwadru.
4. Iż-żona, kif imsemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandha tingħalaq għal 21 jum u wara għandha tieqaf tapplika awtomatikament f'nofsillejl UTC.

5. Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b’daqs tal-malja ta’ mill-inqas 32 mm li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana li huma mgħammra bi gradilja selettiva Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta’ 19 mm mingħajr tagħmir għaż-żamma tal-ħut, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandhom ikunu soġġetti għaż-żona magħluqa, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta’ dak ir-Regolament.

* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/2201/oj).”;

- (3) fl-Artikolu 63, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(da) l-Artikolu 18a għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 jew sad-data li fiha jsir applikabbli r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, skont liema jiġi l-ewwel.”;

- (4) l-Anness IA, il-Partijiet A, B u F, u l-Annessi IB, IC, ID u IM huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Emendi għall-Annessi tar-Regolament (UE) 2025/202

(1) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, it-Tabella 2(1) hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 2(1)			
Speċi:	Inċova <i>Engraulis encrasicolus</i>	Żona:	9W ⁽¹⁾ u 10 (ANE/9WX10)
Spanja	718	(2)	TAC analitika
Il-Portugall	6 464	(2)	
L-Unjoni	7 182	(2)	
TAC	7 182	(2)	
(1) Parti mis-subżona 9 fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:			
	Punt	Latitudni	Lonġitudni
	1	36°00'00"N	11°00'00"W
	2	37°01'20"N	8°59'47"W
(2) Din il-kwota tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Settembru 2025.			

".
,

(b) fil-Parti B, it-Tabella 77 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 77			
Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	3a (PRA/03A.)
Id-Danimarka	974 (1)	TAC analitika	
L-Iżvezja	525 (1)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Unjoni	1 499 (1)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	2 807 (1)		
(1)	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.		

".
,

(c) fil-Parti B, it-Tabelli 113, 114 u 115 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"

Tabella 113			
Speċi:	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	3a (SPR/03A.)
Id-Danimarka	28 953	(1)(2)(3)	TAC analitika
Il-Ġermanja	60	(1)(2)(3)	
L-Iżvezja	10 955	(1)(2)(3)	
L-Unjoni	39 968	(1)(2)(3)	
TAC	43 209	(2)	
(1)	Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti f'qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda (OTH/*03A.). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.		
(2)	Din il-kwota għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.		
(3)	Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta' 2a u 4. Madankollu, dawn it-trasferimenti għandhom jiġu nnotifikati minn qabel lill-Kummissjoni u lir-Renju Unit.		

Tabella 114

Speċi:	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati	Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a (SPR/2AC4-C)
	<i>Sprattus sprattus</i>		
Il-Belġju	2 095 (1)(2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	165 826 (1)(2)		
Il-Ġermanja	2 095 (1)(2)		
Franza	2 095 (1)(2)		
In-Netherlands	2 095 (1)(2)		
L-Iżvezja	1 330 (1)(2)(3)		
L-Unjoni	175 536 (1)(2)		
In-Norveġja	10 000 (1)		
Il-Gżejjer Faeroe	0 (1)(4)		
Ir-Renju Unit	7 369 (1)		
TAC	192 905 (1)		
(1)	Il-kwota għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.		
(2)	Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OTH/*2AC4C). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.		
(3)	Inkluż iċ-ċiċċirell.		
(4)	Din jista' jkun fiha sa 4 % ta' qabdiet aċċessorji ta' aringa.		

Tabella 115			
Speċi:	Laċċa kaħla	Żona:	7d u 7e
	<i>Sprattus sprattus</i>		(SPR/7DE.)
Il-Belġju	10	(1)	TAC analitika
Id-Danimarka	631	(1)	
Il-Ġermanja	10	(1)	
Franza	136	(1)	
In-Netherlands	136	(1)	
L-Unjoni	923	(1)	
Ir-Renju Unit	4 846	(1)	
TAC	5 769	(1)	
(1) Il-kwota għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.			

"
,

(d) fil-Parti F, it-Tabella 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 7			
Speċi:	Paġella ħamra <i>Pagellus bogaraveo</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 10 (SBR/10-)
Spanja	3	TAC analitika	
Il-Portugall	389		
L-Unjoni	392		
Ir-Renju Unit	3		
TAC	395		

"

(2) Fl-Anness IB, it-Tabella 13 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 13			
Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	L-ilmijiet ta' Greenland ta' 5 u 14 (PRA/514GRN)
Id-Danimarka	1 225	TAC analitika	
Franza	1 225	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
l-Unjoni	2 450	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
In-Norveġja	1 700		
Il-Gżejjer Faeroe	0		
TAC	Mhux rilevanti		

".

(3) Fl-Anness IC, it-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 1			
Speċi:	Bakkaljaw	Żona:	NAFO 2J3KL
	<i>Gadus morhua</i>		(COD/N2J3KL)
Il-Bulgarija	0,003	(1)(2)	TAC analitika
Il-Ġermanja	342,791	(1)(2)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Estonja	61,101	(1)(2)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Spanja	316,941	(1)(2)	
Franza	49,333	(1)(2)	
Il-Latvja	61,101	(1)(2)	
Il-Litwanja	61,101	(1)(2)	
Il-Polonja	160,161	(1)(2)	
Il-Portugall	494,898	(1)(2)	
Ir-Rumanija	4,570	(1)(2)	
L-Unjoni	1 552	(1)(2)	
TAC	40 000	(1)(2)	
(1)	Din il-kwota għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.		
(2)	Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota bejn il-15 ta' April 2026 f'00:00 UTC u t-30 ta' Ġunju 2026 fil-23:59 UTC. Matul dan il-perjodu, din l-ispeċi għandha tinqabad biss bħala qabda aċċessorja fil-limiti li ġejjin: massimu ta' 1 250 kg jew 5 %, skont liema minnhom tkun l-akbar.		

".

(4) Fl-Anness ID, it-Tabella 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Tabella 12			
Speċi:	Tonn	Żona:	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u l-Mediterran
	<i>Thunnus thynnus</i>		(BFT/AE45WM)
Ċipru	195,17	(4)	TAC analitika
Il-Greċja	350,95		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Spanja	7 161,64	(2)(4)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Franza	7 132,06	(2)(3)(4)	
Il-Kroazja	1 127,25	(6)	
L-Italja	5 628,97	(4)(5)	
Malta	450,68	(4)	
Il-Portugall	650,83		
Stati Membri oħra	80,60	(1)	
L-Unjoni	22 778,15	(2)(3)(4)(5)(6)(7)	
TAC	40 570,00		
(1)	Għajr Ċipru, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Malta u l-Portugall, u bħala qabda aċċessorja biss. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (BFT/AE45WM_AMS).		
(2)	Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemija fl-Anness VI, il-punt 1, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri (BFT/*8301):		
	Spanja	1 088,70	
	Franza	505,77	
	L-Unjoni	1 594,47	
(3)	Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għall-qabdiet tat-tonn li jkun jiżen tal-inqas 6,4 kg jew li jkun twil tal-inqas 70 cm li jsiru mill-bastimenti msemija fl-Anness VI, il-punt 1, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri (BFT/*641):		
	Franza	100,00	
	L-Unjoni	100,00	

- (4) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemmija fl-Anness VI, il-punt 2, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjonijiet li ġejjin bejn l-Istati Membri (BFT/*8302):

Spanja	143,23
Franza	142,64
L-Italja	112,58
Ċipru	3,90
Malta	9,01
L-Unjoni	411,36

- (5) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemmija fl-Anness VI, il-punt 3, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjonijiet li ġejjin bejn l-Istati Membri (BFT/*643):

L-Italja	112,58
L-Unjoni	112,58

- (6) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemmija fl-Anness VI, il-punt 3, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjonijiet li ġejjin bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut (BFT/*8303F):

Il-Kroazja	1 014,53
L-Unjoni	1 014,53

- (7) Wara t-trasferiment ta' 200 tunnellata mill-Iżlanda lejn l-Unjoni.

".

(5) L-Anness IM huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IM
ŻONA TAL-KONVENZJONI NPFC

Tabella 1			
Speċi:	Kavall għajnejh kbar <i>Scomber japonicus</i>	Żona:	Iż-żona tal-Konvenzjoni NPFC
L-Unjoni	6 000 ⁽¹⁾⁽³⁾⁽⁴⁾⁽⁵⁾⁽⁶⁾	TAC	prekawzjonarja
Il-Partijiet Kontraenti għall-NPFC, inkluż l-Unjoni	66 740 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾⁽⁴⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	Mhux rilevanti		
⁽¹⁾	Tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026.		
⁽²⁾	Kundizzjoni speċjali: skont dan il-limitu ta' qbid, il-bastimenti li ġejjin ma jistgħux jaqdbu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt:		
	Bastiment tat-tkarkir (MAS/NPFC-TR)	Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża*	(MAS/NPFC-PS)
	7 940	58 800	
	* Is-sajd f'dawk il-limiti ta' qbid ser jingħalaq mill-Partijiet Kontraenti għall-NPFC, inkluż għall-Unjoni mill-Kummissjoni, fi żmien jumejn mid-data tal-ħruġ tal-avviż tas-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC li l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun laħaq il-95 %.		
⁽³⁾	Bastiment tat-tkarkir wieħed biss li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru għandu jkun awtorizzat jistad għall-kavall għajnejh kbar fi kwalunkwe ħin. Dak japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe allokazżjoni tal-opportunitajiet futuri tas-sajd mill-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC, b'mod partikolari għall-Istat Membru awtorizzat jistad fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026.		
⁽⁴⁾	Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 10 000 ma għandhomx ikunu awtorizzati jistadu għall-kavall għajnejh kbar.		
⁽⁵⁾	Il-qabdiet fl-ambitu ta' din il-kwota għandhom jiġu rrapportati separatament (MAS/NPFC-EU).		
⁽⁶⁾	Wara r-riport ta' 1 740 tonnellata mill-istaġun tas-sajd preċedenti, jiġifieri mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025, f'konformità mar-regoli tal-NPFC.		

".